### “Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla” (*Mt* 5, 9).

Dan l-aħħar, ħidma ta’ riċerka li saret minn tliet universitajiet Taljani sabet li f’sena waħda ntbagħtu aktar minn miljun messaġġ ta’ mibegħda fuq l-internet. Messaġġi vjolenti qed jintbagħtu kontra l-barranin, il-Lhud, imma l-aktar kontra n-nisa.

Żgur li ma nistgħux niġġeneralizzaw, imma kull wieħed u waħda minna, fil-familja, fuq il-post tax-xogħol, fil-qasam sportiv, ġarrabna xi forma ta’ ġlied u offiżi li jġibu l-firda u jpoġġu fil-periklu l-ħajja tagħna fis-soċjetà. Imbagħad nafu li bħalissa hemm għaddejjin 56 gwerra fid-dinja. Dan hu l-akbar numru mit-Tieni Gwerra Dinjija ’l hawn u dan qed iħalli għadd kbir ta’ vittmi ċivili.

F’dan il-kuntest, kliem Ġesù jinstema’ aktar veru u qawwi minn qatt qabel.

**“Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla”.**

“Kull poplu, kull bniedem jixxennaq għall-paċi, għall-ftehim, għall-għaqda. Madankollu, wara snin kbar ta’ storja u minkejja l-isforzi kollha u rieda tajba għad ma għandniex ħila niksbu paċi stabbli u dejjiema. Ġesù ġie biex iġibilna l-paċi. Iżda kif jgħid hu din il-paċi mhijiex bħal dik li ‘tagħti d-dinja’[1] għax mhijiex biss nuqqas ta’ gwerra, ta’ ġlied, ta’ firdiet u trawmi. Il-paċi li jagħti ‘Hu’ hi hekk ukoll, imma hi ħafna aktar minn hekk: hi milja ta’ ħajja u ferħ, hi salvazzjoni sħiħa tal-bniedem, hi ħelsien, hi ġustizzja u mħabba tal-aħwa bejn il-ġnus kollha”[2].

Il-Kelma tal-Ħajja ta’ dan ix-xahar hi s-seba’ waħda mill-beatitudnijiet li nsibu fil-bidu tad-Diskors tal-Muntanja (*Mt* 5-7). Ġesù, li għex dawn il-beatitudnijiet kollha, ried li jgħallimhom lid-dixxipli. Ta’ min jinnota li huma kollha fil-plural. Dan iwassalna biex ngħidu li l-aċċent mhux qiegħed fuq l-imġiba individwali jew virtujiet personali imma pjuttost fuq etika li ngħixuha flimkien.

**“Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla”.**

Min huma dawk li jġibu l-paċi? Din il-“beatitudni hi l-aktar waħda attiva, li tista’ tissarraf f’azzjoni; dan il-kliem jixbaħ lil dak li nsibu fl-ewwel vers tal-Bibbja li jitkellem fuq il-ħolqien u li juri sens ta’ inizjattiva u tħabrik. Min-natura tagħha stess l-imħabba hi kreattiva […] u tfittex il-ftehim, ikun xi jkun il-prezz biex tiksbu. Jissejħu wlied Alla dawk li jitgħallmu l-arti tal-paċi u jħaddmuha; għax jafu li ma naslux għall-

ftehim bla ma nagħtu ħajjitna stess għalih, u l-paċi rridu nfittxuha dejjem, minkejja kollox. [...] Din mhix opra li tinkiseb bil-ħila tagħna, hi wirja tal-grazzja li ksibna mingħand Kristu, li hu l-paċi tagħna, li għamilna wlied Alla”[3].

**“Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla”.**

Mela kif ser ngħixu din il-Kelma? Qabelxejn irridu nxerrdu kullimkien l-imħabba vera. Imbagħad, meta naraw li l-paċi tinsab mhedda, irridu naraw x’nagħmlu. Xi drabi biżżejjed tisma’ b’imħabba lil dawk li ma jkunux jaqblu bejniethom, tismagħhom sal-aħħar. B’dan il-mod nistgħu naslu għal ftehim.

Ħafna drabi ir-relazzjonijiet jinkisru minħabba nuqqas ta’ ftehim dwar affarijiet żgħar: jeħtieġ li ma nċedux qabel ma naraw li dawn ir-relazzjonijiet jerġgħu lura għal li kienu. Nistgħu ukoll nagħtu sehemna f’xi grupp, f’xi għaqda, f’xi parroċċa fejn ninsabu, billi nagħtu l-ħajja lil xi inizjattivi li jqanqlu aktar kuxjenza dwar il-ħtieġa tal-paċi. Fid-dinja hawn għadd kbir ta’ inizjattivi kbar u żgħar, li jaħdmu b’risq il-paċi: mixjiet, kunċerti, laqgħat, l-istess volontarjat li joħloq kurrent ta’ ġenerożità li biha nistgħu nibnu l-paċi.

Insibu wkoll programmi ta’ edukazzjoni għall-paċi bħalma huma “*Living Peace*”[4]. Illum hemm aktar minn 2600 skola u grupp imsieħba f’dan il-proġett u aktar minn miljun tifel u tifla, żgħażagħ u adulti li jieħdu sehem f’attivitajiet li jsiru f’kull kontinent. Fost dawn insibu “L-*Cube* tal-paċi” - li hija ispirata mill-*Cube* tal-arti tal-imħabba ta’ Chiara Lubich[5]. Fuq kull faċċata ta’ din il-*Cube* tal-paċi hemm kliem li jgħin biex jinbnew rabtiet ta’ paċi. Hemm ukoll it-*Time Out*, inizjattiva li ssir fid-dinja kollha: wieħed jieqaf f’nofsinhar biex jagħmel mument ta’ skiet, ta’ riflessjoni u talb għal paċi.

Augusto Parody Reyes u t-tim tal-Kelma tal-Ħajja

**REFERNZI**

**1:** Ara *Ġw* 14, 27.

**2:** C. Lubich, *Parole di vita*, ta’ Fabio Ciardi, (*Opere di Chiara Lubich 5) Città Nuova Editrice*, Roma 2017, pġ. 709 (Jannar 2004).

**3:** Papa Francesco, Udjenza Ġenerali. Katekeżi fuq il-Beatitudnijiet. L-Erbgħa 15 ta’ April, 2020.

**4:** http://www.livingpeaceinternational.org

**5:** C. Lubich, *L’arte di amare, Città Nuova Editrice, Roma* 2005.

**ĊENTRU TAL-MOVIMENT TAL-FOKOLARI**
18, ‘Stellaelise’, Triq il-Ħuttaf,
Kappara
T. 21 385 801 | E. focolare.malta@outlook.com

**www.focolaremalta.org**